Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

17 ta’ Diċembru 2020*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla – Regolament (KE) Nru 1099/2009 – Artikolu 4(1) – Obbligu li l-annimali jiġu storduti qabel il-qtil tagħhom – Artikolu 4(4) – Deroga fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi – Artikolu 26(2) – Possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw regoli nazzjonali intiżi sabiex tiġi żgurata protezzjoni ikbar lill-annimali fil-każ ta’ qatla għal raġunijiet reliġjużi – Interpretazzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi, fil-każ ta’ qatla għal raġunijiet reliġjużi, sturdament reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt – Artikolu 13 TFUE – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 10 – Libertà tar-reliġjon – Libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu – Limitazzjoni – Proporzjonalità – Assenza ta’ konsensus fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – Marġni ta’ diskrezzjoni mogħti lill-Istati Membri – Prinċipju ta’ sussidjarjetà – Validità – Trattamenti differenzjati tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi u l-qtil ta’ annimali waqt attivitajiet ta’ kaċċa jew ta’ sajd kif ukoll waqt avvenimenti kulturali jew sportivi – Assenza ta’ diskriminazzjoni – Artikoli 20, 21 u 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali”

Fil-Kawża C-336/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), permezz ta’ deċiżjoni tal-4 ta’ April 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta’ April 2019, fil-proċedura

**Centraal Israëlitisch Consistorie van België *et,***

**Unie Moskeeën Antwerpen VZW,**

**Islamitisch Offerfeest Antwerpen VZW,**

**JG,**

**KH,**

**Executief van de Moslims van België *et,***

**Coördinatie Comité van Joodse Organisaties van België – Section belge du Congrès juif mondial et Congrès juif européen VZW *et*,**

vs

**Vlaamse Regering,**

fil-preżenza ta’:

**LI,**

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

**Waalse Regering,**

**Kosher Poultry BVBA *et*,**

**Global Action in the Interest of Animals VZW (GAIA),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi President, A. Arabadjiev, A. Prechal, E. Regan, M. Ilešič, L. Bay Larsen u A. Kumin, Presidenti ta' Awla, T. von Danwitz, C. Toader, M. Safjan, D. Šváby (relatur), L. S. Rossi, I. Jarukaitis u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratriċi Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Lulju 2020,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Centraal Israëlitisch Consistorie van België *et* kif ukoll għal Kosher Poultry BVBA *et*, minn E. Maes u C. Caillet, advocaten, u minn E. Jacubowitz, avocat,

– għal Unie Moskeeën Antwerpen VZW u għal Islamitisch Offerfeest Antwerpen VZW, minn I. Akrouh, advocaat,

– għal Executief van de Moslims van België *et*, minn J. Roets, advocaat,

– għal Coördinatie Comité van Joodse Organisaties van België – Section belge du Congrès juif mondial u Congrès juif européen VZW *et*, minn E. Cloots, advocaat,

– għal LI, minnu nnifsu,

– għall-Vlaamse Regering, minn V. De Schepper u J.-F. De Bock, advocaten,

– għall-Waalse Regering, minn X. Drion, advocaat,

– għal Global Action in the Interest of Animals VZW (GAIA), minn A. Godfroid, advocaat,

– għall-Gvern Daniż, minn J. Nymann-Lindegren, M. P. Jespersen, P. Ngo u M. Wolff, bħala aġenti,

– għall-Gvern Finlandiż, minn J. Heliskoski u H. Leppo, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svediż, minn H. Eklinder, C. Meyer-Seitz, H. Shev, J. Lundberg u A. Falk, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn F. Naert u E. Karlsson, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Krämer, A. Bouquet u B. Eggers, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati waqt is-seduta tal-10 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU 2009, L 303, p. 1), kif ukoll il-validità ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-Artikoli 10 u 20, 21 u 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwimiet bejn, minn naħa, iċ-Centraal Israëlitisch Consistorie van België *et* (iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, iċ-"CICB *et*"), l-Unie Moskeeën Antwerpen VZW u l-Islamitisch Offerfeest Antwerpen VZW, JG u KH, l-Executief van de Moslims van België *et*, kif ukoll iċ-Coördinatie Comité van Joodse Organisaties van België – Section belge du Congrès juif mondial u Congrès juif européen VZW *et* u, min-naħa l-oħra, il-Vlaamse Regering (il-Gvern ta' Vlaanderen, il-Belġju) fir-rigward tal-validità tad-decreet houdende wijziging van de wet van 14 augustus 1986 betreffende de bescherming en het welzijn der dieren, wat de toegelaten methodes voor het slachten van dieren betreft (id-Digriet li Jemenda l-Liġi tal-14 ta' Awwissu 1986 dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali fir-Rigward tal-Metodi Permessi għall-Qatla tal-Annimali), tas-7 ta' Lulju 2017 (*Belgisch Staatsblad*, 18 ta' Lulju 2017, p. 73318).

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 2, 4, 6, 11, 14 sa 16, 18, 20, 21, 43, 57 u 58 tar-Regolament Nru 1099/2009 jistipulaw:

"(2) Il-qtil tal-annimali jista' jwassal għal uġigħ, stress, biża' jew forom oħra ta' tbatija għall-annimali anke fl-aħjar kondizzjonijiet tekniċi disponibbli. Ċerti operazzjonijiet marbuta mal-qatla jistgħu jikkawżaw stress u kwalunkwe teknika ta' sturdament tippreżenta ċerti żvantaġġi. L-operaturi tan-negozju jew kwalunkwe persuna involuta fil-qtil tal-annimali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw l-uġigħ u jnaqqsu l-istress, t-tbatija tal-annimali waqt il-proċess tal-qtil jew l-qatla, filwaqt li jqisu l-aħjar prattika fil-qasam u l-metodi permessi skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-operaturi tan-negozju jew kwalunkwe persuna involuta fil-qtil tal-annimali jiksru wieħed mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew jużaw metodi ta' prattika li ma jirriflettux l-aħħar żviluppi fil-qasam u b'hekk iwasslu għall-uġigħ, l-istress u t-tbatija minħabba negliġenza jew inkella intenzjonalment, l-uġigħ, l-istress jew it-tbatija għandhom jitqiesu li jistgħu jkunu evitati.

[…]

(4) It-trattament xieraq tal-annimali huwa valur [tal-Unjoni Ewropea] li huwa stabbilit fil-Protokoll (Nru 33) dwar il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali anness mat-Trattat [KE]. Il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla hija kwistjoni ta' interess pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumatur lejn il-prodotti agrikoli. Barra minn hekk, it-titjib tal-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jikkontribwixxi għal laħam ta' kwalità ogħla u indirettament għandu impatt pożittiv fuq is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-biċċeriji.

[…]

(6) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), stabbilita bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [(ĠU 2002, L 31, p. 1)], adottat żewġ

opinjonijiet dwar l-aspetti tat-trattament xieraq tas-sistemi prinċipali ta' sturdament u qtil ta' ċerti speċi ta' annimali, b'mod partikolari [il-Welfare aspects of the main systems of stunning and killing the main commercial species of animals] [(]l-aspetti tat-trattament xieraq tas-sistemi prinċipali ta' sturdament u qtil tal-ispeċi tal-annimali kummerċjali ewlenin[)], fl-2004, [u l-Welfare aspects of the main systems of stunning and killing applied to commercially farmed deer, goats, rabbits, ostriches, ducks, geese and quail] [(]dwar l-aspetti tat-trattament xieraq tas-sistemi prinċipali ta' sturdament u qtil applikati għal ċriev, mogħoż, fniek, ngħam, papri, wiżżijiet u summien imkabbra għal skopijiet kummerċjali[)], fl-2006. Il-liġi [tal-Unjoni] f'dan il-qasam għandha tiġi aġġornata sabiex tieħu kont ta' dawk l-opinjonijiet xjentifiċi. […] M'humiex inklużi f'dan ir-Regolament rakkomandazzjonijiet dwar l-impjanti tal-akkwakultura minħabba li hemm il-ħtieġa ta' aktar opinjoni xjentifika u ta' evalwazzjoni ekonomika f'dan il-qasam.

[…]

(11) Il-ħut jippreżenta differenzi fiżjoloġiċi sostanzjali mill-annimali tal-art, u l-ħut tat-trobbija jiġi maqtul f'kuntest differenti ħafna, partikolarment fir-rigward tal-proċess tal-ispezzjoni. Barra minn hekk, ir-riċerka dwar l-isturdament tal-ħut hija ħafna inqas żviluppata minn dik għal speċi oħra ta' trobbija. Għandhom jiġu stabbiliti standards separati dwar il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ħut għandhom attwalment ikunu limitati għall-prinċipju ewlieni. Inizjattivi ulterjuri mill-[Unjoni] għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni xjentifika tar-riskju għat-tbiċċir u l-qtil ta' ħut imwettqa mill-EFSA filwaqt li jittieħed kont tal-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u amministrattivi.

[…]

(14) L-attivitajiet tal-kaċċa jew tas-sajd rikreattiv iseħħu f'kuntest fejn il-kondizzjonijiet tal-qtil huma differenti ħafna minn dawk użati għal annimali mrobbija u l-kaċċa hija suġġetta għal leġislazzjoni speċifika. Huwa għalhekk adatt li l-qtil li jseħħ waqt il-kaċċa jew is-sajd rikreattiv jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(15) Il-Protokoll (Nru 33) jissottolinja wkoll il-ħtieġa li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi u d-drawwiet tal-Istati Membri partikolarment dawk relatati ma' riti reliġjużi, tradizzjonijiet kulturali u wirt reġjonali meta jiġu fformulati u implimentati l-linji politiċi [tal-Unjoni] dwar, fost l-oħrajn, l-agrikultura u s-suq intern. Huwa għalhekk adatt li avvenimenti kulturali jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, fejn il-konformità mar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali taffettwa ħażin in-natura proprja tal-avveniment konċernat.

(16) Barra minn hekk, it-tradizzjonijiet kulturali jirriferu għal mod ta' ħsieb, azzjoni jew imġiba abitwali, stabbilita u li tintiret, li infatti tinkludi l-kunċett ta' xi ħaġa trasmessa, jew akkwistata, minn predeċessur. Huma jikkontribwixxu għat-trawwim ta' konnessjonijiet soċjali li ilhom stabbiliti bejn il-ġenerazzjonijiet. Sakemm dawk l-attivitajiet ma jaffettwawx is-suq tal-prodotti li ġejjin mill-annimali u mhumiex motivati minn skopijiet ta' produzzjoni, huwa kunsiljabbli li l-qtil tal-annimali li jseħħ waqt dawk l-avvenimenti jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

[…]

(18) Ingħatat deroga mill-isturdament fil-każ ta' qatla għal raġunijiet reliġjużi li jseħħu fil-biċċeriji permezz tad-Direttiva [tal-Kunsill] 93/119/KE [tat-22 ta' Diċembru 1993 dwar il-protezzjoni ta' annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qtil (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 15, p. 421)]. Minħabba li d-dispożizzjonijiet [tal-Unjoni] applikabbli għall-qatla għal raġunijiet reliġjużi ġew trasposti b'mod differenti skont il-kuntesti nazzjonali, u meta wieħed jikkunsidra li r-regoli nazzjonali jieħdu kont tad-dimensjonijiet li jmorru lil hinn mill-għan ta' dan ir-Regolament,

huwa importanti li tinżamm id-deroga mill-isturdament tal-annimali qabel il-qatla, waqt li madankollu jibqa' ċertu livell ta' sussidjarjetà għal kull Stat Membru. Bħala konsegwenza, ir-Regolament attwali jirrispetta l-libertà tar-reliġjon u d-dritt li r-reliġjon jew twemmin jiġi manifestat fil-qima, tagħlim, prattika u osservanza, kif iddikjarat fl-Artikolu 10 tal-[Karta].

[…]

(20) Ħafna metodi ta' qtil jikkawżaw uġigħ għall-annimali. L-isturdament huwa għalhekk meħtieġ sabiex jikkawża telf tas-sensi u nuqqas ta' sensibbiltà fl-annimali qabel jinqatlu jew fl-istess ħin li jinqatlu. Il-kejl tat-telf tas-sensi u n-nuqqas ta' sensibbiltà ta' annimal huwa kumpless u jeħtieġ li jitwettaq skont metodoloġija approvata xjentifikament. Madankollu, għandu jitwettaq monitoraġġ permezz ta' indikaturi sabiex tiġi evalwata l-effikaċja tal-proċedura taħt kondizzjonijiet prattiċi.

(21) Il-monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament huwa bbażat prinċipalment fuq l-evalwazzjoni ta' kemm l-annimal ikun f'sensih u tas-sensibbiltà tal-annimali. Kemm annimal ikun f'sensih huwa essenzjalment il-kapaċità tiegħu li jħoss l-emozzjonijiet u li jikkontrolla l-mobilità volontarja tiegħu. Minkejja xi eċċezzjonijiet, bħall-immobilizzaturi elettroniċi jew tip ta' paraliżi oħra provokata, annimal jista' jkun preżunt li ntilef minn sensih meta jitlef il-pożizzjoni naturali tiegħu ta' bilwieqfa, ma jkunx imqajjem u ma jurix sinjali ta' emozzjonijiet pożittivi jew negattivi bħal biża' jew eċċitament. Is-sensibbiltà ta' annimal hija essenzjalment il-kapaċità tiegħu li jħoss l-uġigħ. B'mod ġenerali, annimal ikun preżunt li mhuwiex sensittiv meta ma juri l-ebda rifless jew reazzjoni għal stimoli bħal ħoss, riħa, dawl jew kuntatt fiżiku.

[…]

(43) Il-qatla mingħajr l-isturdament jeħtieġ qatgħa preċiża tal-gerżuma b'sikkina taqta' sabiex titnaqqas it-tbatija. Barra minn hekk, l-annimali li ma jkunux imrażżna mekkanikament wara li ssir il-qatgħa x'aktarx li jbatu proċess itwal ta' fsada u, li b'hekk, titwal għalxejn is-sofferenza tagħhom. L-annimali tal-ispeċi bovina, ovina u kaprina huma l-ispeċi l-aktar komuni maqtula b'din il-proċedura. Għalhekk, ir-ruminanti maqtula mingħajr ma jiġu storduti għandhom jitrażżnu individwalment u mekkanikament.

[…]

(57) Iċ-ċittadini Ewropej jistennew li jiġi rispettat minimu ta' regoli dwar it-trattament xieraq waqt il-qatla tal-annimali. F'ċerti oqsma, l-attitudnijiet lejn l-annimali jiddependu wkoll fuq il-perċezzjonijiet nazzjonali u f'xi Stati Membri hemm domanda li jinżammu jew li jiġu adotatti regoli aktar estensivi dwar it-trattament xieraq tal-annimali minn dawk miftiehma fil-livell [tal-Unjoni]. Fl-interess tal-annimali u sakemm dan ma jaffettwax l-funzjonament tas-suq intern, hu adatt li l-Istati Membri jingħataw ċerta flessibbiltà biex iżommu jew, f'ċerti oqsma speċifiċi, jadottaw regoli nazzjonali aktar estensivi.

Huwa importanti li jiġi żgurat li tali regoli nazzjonali ma jintużawx mill-Istati Membri b'mod li jippreġudikaw il-funzjonament korrett tas-suq intern.

(58) F'ċerti oqsma taħt l-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill jeħtieġ aktar informazzjoni xjentifika, soċjali u ekonomika qabel ma jistabbilixxi regoli dettaljati b'mod partikolari fil-każ ta' ħut imrobbi fil-farms u dwar it-trażżin tal-ifrat permezz ta' inverżjoni. Konsegwentement, hu meħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi din l-informazzjoni lill-Kunsill qabel ma tipproponi kwalunkwe emenda f'dawk l-oqsma tar-Regolament."

4 Intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-qtil ta' annimali mrobbija jew miżmuma għall-produzzjoni tal-ikel, suf, ġilda, pil jew prodotti oħra kif ukoll għall-qtil ta' annimali għall-fini tad-depopolazzjoni u għal operazzjonijiet relatati.

Madanakollu, rigward il-ħut, għandhom japplikaw biss ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

[…]

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika:

a) meta l-annimali jinqatlu:
   i) waqt esperimenti xjentifiċi mwettqa taħt is-superviżjoni ta' awtorità kompetenti;
   ii) waqt il-kaċċa jew attivitajiet tas-sajd rikreattiv;
   iii) waqt avvenimenti kulturali jew sportivi;

b) tjur, fniek u liebri maqtula barra minn biċċerija mis-sid tagħhom għall-konsum domestiku privat tiegħu."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

b) 'operazzjonijiet relatati' tfisser operazzjonijiet bħal immaniġġar, żamma, trażżin, sturdament u fsada tal-annimali li jseħħu fil-kuntest u fil-post fejn dawn ikunu sejrin jinqatlu;

[…]

f) 'sturdament' tfisser kwalunkwe proċess ikkaġunat intenzjonalment li jikkawża t-telf tas-sensi u s-sensibbiltà mingħajr uġigħ, inkluż kwalunkwe proċess li jirriżulta f'mewta istantanja;

g) 'rit reliġjuż' tfisser serje ta' atti relatati mal-qatla ta' annimali u preskritti minn reliġjon;

h) 'avvenimenti kulturali jew sportivi' tfisser avvenimenti li huma essenzjalment u b'mod predominanti relatati ma' tradizzjonijiet kulturali jew attivitajiet sportivi li ilhom stabbiliti, inkluż it-tlielaq jew forom oħra ta' kompetizzjoni, fejn ma hemm l-ebda produzzjoni ta' laħam jew prodotti ta' annimali oħra jew fejn dik il-produzzjoni hija marġinali meta mqabbla mal-avveniment u mhijiex ekonomikament sinifikanti;

[…]

j) 'qatla' tfisser il-qtil ta' annimali maħsub għall-konsum tal-bniedem;

[…]".

6 L-Artikolu 3 tal-istess regolament, intitolat "Rekwiżiti ġenerali għal qtil u operazzjonijiet relatati", jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Waqt il-qatla u operazzjonijiet relatati, l-annimali għandhom jiġu protetti minn kwalunkwe uġigħ, stress jew tbatija li jistgħu jigu evitati".

7 Iddedikat għall-"[m]etodi ta' sturdament", l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1099/2009 jipprevedi:

"1. L-annimali għandhom jinqatlu biss wara sturdament konformement mal-metodi u r-rekwiżiti speċifiċi relatati mal-applikazzjoni ta' dawk il-metodi kif imniżżel fl-Anness I. It-telf tas-sensi u s-sensibbiltà għandhom jinżammu sal-mewt tal-annimal.

Il-metodi msemmija fl-Anness I li ma jirriżultawx f'mewta istantanja […] għandhom ikunu segwiti kemm jista' jkun malajr possibbli bi proċedura li tiżgura l-mewt bħall-fsada, l-enervazzjoni (pithing), l-elettrokuzzjoni jew l-espożizzjoni mtawla għal anossija.

[…]

4. Fil-każ ta' annimali suġġetti għal metodi partikolari ta' qatla meħtieġa minn ċerti riti reliġjużi, ir-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu m'għandhomx jiġu applikati bil-kondizzjoni li l-qatla issir f'biċċerija."

8 Intitolat "Kontrolli ta' miżuri ta' sturdament", l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 4(4), l-annimali jinqatlu mingħajr sturdament minn qabel, il-persuni responsabbli għall-qatla għandhom iwettqu kontrolli sistematiċi sabiex jiġi żgurat li l-annimali ma jippreżentaw l-ebda sinjal ta' kuxjenza jew sensibbiltà qabel ma jiġu rilaxxati mit-trażżin u ma jippreżentaw l-ebda sinjal ta' ħajja qabel ma jiġu preparati jew jinstamtu".

9 Skont l-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1099/2009, intitolat "Regoli nazzjonali aktar stretti":

"1. Dan ir-Regolament m'għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali li għandhom l-għan li jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-annimali waqt il-qatla, li jkunu fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qabel l-1 ta' Jannar 2013, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar tali regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn.

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali mmirati biex tiġi żgurata l-protezzjoni aktar estensiva tal-annimali waqt il-qatla minn dawk li jinsabu f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-oqsma li ġejjin:

[…]

c) il-qatla u l-operazzjonijiet relatati ta' annimali konformement mal-Artikolu 4(2)[(4)].

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn.

[…]

4. Stat Membru ma għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni, fit-territorju tiegħu, ta' prodotti li ġejjin minn annimali li nqatlu fi Stat Membru ieħor għar-raġunijiet li l-annimali kkonċernati ma nqatlux konformement mar-regoli nazzjonali tiegħu mmirati lejn protezzjoni tal-annimali aktar estensiva waqt il-qatla."

10 L-Artikolu 27 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Rappurtar”, jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Mhux aktar tard mit-8 ta’ Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà li jiġu introdotti ċerti rekwiżiti rigward il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla b’kont meħud tal-aspetti tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll l-impatti soċjo-ekonomiċi u ambjentali. Dan ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġislattivi bil-ħsieb li jiġi emendat dan ir-Regolament bl-inklużjoni ta’ regoli speċifiċi rigward il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla.

Sa meta jiġu adottati dawn il-miżuri, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw regoli nazzjonali rigward il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla jew il-qtil u għandhom jinfurmaw b’dan lill-Kummissjoni.”

***Id-dritt Belġjan***

11 L-Artikolu 16(1) tal-Wet betreffende de bescherming en het welzijn der dieren (il-Liġi dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali), tal-14 ta’ Awwissu 1986 (*Belgisch Staatsblad*, tat-3 ta’ Diċembru 1986, p. 16382), fil-verżjoni tiegħu preċedenti għall-adozzjoni tad-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kien jimponi, fl-ewwel subparagrafu tiegħu, l-obbligu li l-qatla ssir biss wara l-isturdament tal-annimal jew, f’każ ta’ forza maġġuri, skont il-metodu li jikkawża l-inqas uġigħ. Madankollu, din id-dispożizzjoni kienet tispeċifika, fit-tieni subparagrafu tagħha, li, b’deroga, dan l-obbligu ma kienx japplika “għal qatliet meħtieġa minn riti reliġjużi”.

12 Id-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2019, neħħa, fir-rigward tar-Reġjun ta’ Vlaanderen, din id-deroga. Fil-fatt, l-Artikolu 15(2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali, fil-verżjoni tiegħu emendata bl-Artikolu 3 ta’ dan id-digriet, jipprevedi li, “[m]eta l-annimali jinqatlu skont metodi speċjali meħtieġa minn riti reliġjużi, l-isturdament għandu jkun reversibbli u l-mewt tal-annimal ma għandhiex tkun ikkawżata mill-isturdament”.

13 Ix-xogħlijiet preparatorji għall-imsemmi digriet jispeċifikaw dan li ġej:

“Il-Vlaanderen jagħti importanza kbira lill-benesseri tal-annimali. L-għan huwa għalhekk li tiġi pprojbita, fi Vlaanderen, kull sofferenza tal-annimali li tista’ tiġi evitata. Il-qatla mingħajr sturdament tal-annimali ma hijiex kompatibbli ma’ dan il-prinċipju. Għalkemm miżuri oħra inqas drastiċi mill-qatla mingħajr sturdament minn qabel, jistgħu jillimitaw xi ftit l-effett negattiv ta’ dan il-metodu ta’ qatla fuq il-benesseri tal-annimali, tali miżuri ma jistgħux jipprekludu li jkompli jkun hemm preġudizzju serju ħafna għal dan il-benesseri. Il-marġni bejn l-eliminazzjoni tas-sofferenza tal-annimali, minn naħa, u l-qatla mingħajr sturdament minn qabel, min-naħa l-oħra, dejjem ser jibqa’ kbir, anki jekk jiġu adottati miżuri inqas radikali sabiex il-preġudizzju għall-benesseri tal-annimali jiġi limitat kemm jista’ jkun.

Xorta jibqa’ l-fatt li qiegħed jitfittex bilanċ bejn il-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u l-libertà tar-reliġjon.

Kemm ir-riti reliġjużi Lhud kif ukoll dawk Iżlamiċi jeżiġu li l-annimal jiġi żvinat kemm jista’ jkun. Riċerki xjentifiċi wrew li l-biża’ li l-isturdament jinfluwenza negattivament l-iżvinament, ma hijiex fondata […].

Barra minn hekk, iż-żewġ riti jeżiġu li l-annimal ikun intatt u f’saħħtu fil-mument tal-qatla u li dan imut b’emoraġija. […] [L]-elektronarkożi hija metodu ta’ sturdament reversibbli (mhux letali) li fil-kuntest tagħha l-annimal, jekk ma jitħanxarlux għonqu fil-frattemp, jerġa’ jiġi f’sensih wara mogħdija qasira ta’ żmien u ma jħoss l-ebda effett negattiv mill-isturdament. Jekk għonq l-annimal jitħanxar immedjatament wara li jiġi stordut, mewtu tkun purament dovuta għall-emoraġija. Meqjus dan kollu, tista’ tiġi segwita l-konklużjoni esposta fir-rapport tas-Sur Vanthemsche. Skont din

il-konklużjoni, l-applikazzjoni tal-isturdament reversibbli, mhux letali, waqt il-prattika tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi tikkostitwixxi miżura proporzjonata li tirrispetta l-ispirtu tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi fil-kuntest tal-libertà tar-reliġjon u tieħu inkunsiderazzjoni sal-massimu possibbli l-benesseri tal-annimali kkonċernati. Minn tal-inqas, l-obbligu li tintuża l-elettronarkożi għall-qatliet imwettqa skont il-metodi speċjalizzati meħtieġa minn riti reliġjużi ma jippreġudikax, għalhekk, b'mod sproporzjonat il-libertà tar-reliġjon."

**It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 Permezz ta' atti ppreżentati fis-17 u fit-18 ta' Jannar 2018, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali adixxew lill-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), li hija l-qorti tar-rinviju, b'rikorsi għal annullament intiżi kontra d-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minħabba li dan jikser, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009, sa fejn dan iċaħħad liċ-ċittadini Lhud u Musulmani mill-garanzija li l-qatliet għal raġunijiet reliġjużi ma jistgħux jiġu suġġetti għar-rekwiżit ta' sturdament minn qabel. Fil-fatt, l-imsemmi digriet jipprekludi lil dawn iċ-ċittadini kollha, u mhux biss lil parti żgħira minn fosthom, milli jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom, billi ma jippermettilhomx jiksbu laħam li ġej minn annimali maqtula skont il-preċetti reliġjużi tagħhom, sa fejn dawn il-preċetti jopponu t-teknika tal-isturdament reversibbli.

15 Hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jesponu li, abbażi tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1099/2009, moqri flimkien mal-premessa 20 ta' dan ir-regolament, l-annimali għandhom, bħala prinċipju, jiġu storduti qabel ma jinqatlu, jiġifieri għandhom jinżammu mitlufin minn sensihom u fi stat li ma jħossu xejn sa mewthom.

16 Madankollu, konformement mal-Artikolu 4(4) tal-imsemmi regolament, l-obbligu ta' sturdament ma japplikax għall-qatla ta' annimali mwettqa skont metodi partikolari meħtieġa minn riti reliġjużi. Skont il-premessa 18 tal-istess regolament, din l-eċċezzjoni hija ddettata mill-għan li tiġi rrispettata l-libertà tar-reliġjon, iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta, hekk kif ġie osservat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et* (C-426/16, EU:C:2018:335, punti 56 u 57).

17 F'dan ir-rigward, il-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali) tosserva li peress li d-dritt iggarantit fl-Artikolu 10(1) tal-Karta jikkorrispondi għad-dritt iggarantit fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li l-kunċett ta' "reliġjon" jista' jkopri kemm il-*forum internum*, jiġifieri l-fatt li wieħed ikollu twemmin, kif ukoll il-*forum externum*, jiġifieri t-turija fil-pubbliku tal-fidi reliġjuża.

18 Il-metodi partikolari ta' qatla meħtieġa minn riti reliġjużi u l-osservanza tal-preċetti reliġjużi relatati mal-ikel jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà tar-reliġjon u jistgħu jitqiesu bħala turija fil-pubbliku ta' twemmin reliġjuż, fis-sens tal-Artikolu 9 tal-KEDB u tal-Artikolu 10(1) tal-Karta. B'mod partikolari, il-qatla għal raġunijiet reliġjużi hija intiża sabiex tipprovdi lill-fidili kkonċernati b'laħam li ġej minn annimali maqtula konformement mat-twemmin reliġjuż tagħhom. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ċertament iddeċidiet, f'dan ir-rigward, fis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Cha'are Shalom Ve Tsedek vs Franza (CE:ECHR:2000:0627JUD002741795, punt 82), li, meta l-fidili ma jiġux imċaħħda mill-possibbiltà li jiksbu u li jikkunsmaw laħam li ġej minn annimali maqtula konformement mat-twemmin reliġjuż tagħhom, id-dritt għal-libertà tar-reliġjon ma jistax jiġi estiż sa tali punt li jkopri wkoll id-dritt li wieħed iwettaq personalment il-qatla għal raġunijiet reliġjużi.

19 Dan espost, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li l-Istati Membri ma jistgħux jużaw il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009 sabiex ixejnu mis-sens tagħha l-eċċezzjoni għall-obbligu li jintuża l-isturdament waqt il-qatla għal raġunijiet reliġjużi, prevista fl-Artikolu 4(4) ta' dan ir-regolament.

20 Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li d-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jillimita b'mod sproporzjonat il-libertà tar-reliġjon, iktar u iktar ladarba l-laħam tal-annimali bovini maqtula konformement ma' preċetti reliġjużi jirrappreżenta biss 0.1 % tal-kwantità totali tal-laħam prodott fil-Belġju u li l-każijiet fejn l-isturdament minn qabel ma jaħdimx huma ogħla minn din il-perċentwali. Il-komunità Lhudija, barra minn hekk, lanqas ma għandha l-garanzija li tkun tista' tikseb biżżejjed laħam li ġej minn annimali maqtula konformement mal-preċetti tar-reliġjon Lhudija. Barra minn hekk, it-taqsima leġiżlattiva tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) minn dan iddeduċiet li l-projbizzjoni tal-qatla mingħajr sturdament tikkawża preġudizzju sproporzjonat għal-libertà tar-reliġjon.

21 Id-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jippreġudika wkoll il-libertà tar-reliġjon sa fejn dan jipprekludi lis-segwaċi tar-reliġjon Lhudija milli joqtlu annimali konformement max-shehita, jiġifieri r-rit tal-qatla speċifiku għal din ir-reliġjon. F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li laħam li ġej minn annimali maqtula konformement mal-preċetti reliġjużi jista' jiġi importat minn pajjiż barrani ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni.

22 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fl-aħħar nett jikkontestaw il-premessa tal-leġiżlatur ta' Vlaanderen li tgħid li l-proċedura ta' sturdament reversibbli li ma jwassalx għall-mewt tal-annimal hija konformi mal-indikazzjonijiet reliġjużi fil-qasam ta' qatla.

23 Bil-kontra ta' dan, il-Gvern ta' Vlaanderen u dak tal-Wallonie jqisu li l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009 jawtorizza espliċitament lill-Istati Membri sabiex ma japplikawx l-Artikolu 4(4) ta' dan ir-regolament.

24 Il-qorti tar-rinviju tosserva, minn naħa, li l-għan tad-deroga għall-obbligu, previst bħala prinċipju, tal-isturdament minn qabel il-qtil, previst fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 1099/2009, huwa l-osservanza tal-libertà tar-reliġjon, iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta u, min-naħa l-oħra, li l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) ta' dan ir-regolament, moqri flimkien mal-premessi 18 u 57 tal-imsemmi regolament, jawtorizza lill-Istati Membri, għall-promozzjoni tal-benesseri tal-annimali, jidderogaw mill-imsemmi Artikolu 4(4) mingħajr madankollu ma jispeċifika l-limiti li għandhom jiġu osservati mill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

25 Għalhekk tqum il-kwistjoni ta' jekk il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009 jistax jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri jadottaw regoli nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, jekk din id-dispożizzjoni hijiex kompatibbli mal-libertà tar-reliġjon iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta.

26 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li d-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali neħħa, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, l-eċċezzjoni, fil-qasam tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, għall-obbligu ta' sturdament minn qabel. Mix-xogħlijiet preparatorji ta' dan id-digriet jirriżulta wkoll li l-leġiżlatur ta' Vlaanderen telaq mill-prinċipju li l-qatla mingħajr sturdament tikkawża sofferenza lill-annimal li tista' tiġi evitata. Huwa pprova wkoll jippromwovi l-benesseri tal-annimali u jilħaq bilanċ bejn, minn naħa, l-għan tal-promozzjoni tal-benesseri tal-annimali u, min-naħa l-oħra, dak li tiġi ggarantita l-libertà tar-reliġjon.

27 Minn din il-perspettiva, sabiex jagħti kemm jista' jkun widen għax-xewqat tal-komunitajiet reliġjużi kkonċernati, l-Artikolu 15(2) tal-Liġi tal-14 ta' Awwissu 1986, kif emendata bid-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, issa jimponi, fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, sturdament reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt tal-annimal. Mix-xogħlijiet preparatorji ta' dan id-digriet għalhekk jidher li l-leġiżlatur ta' Vlaanderen qies li din id-dispożizzjoni tissodisfa x-xewqat tal-komunitajiet reliġjużi kkonċernati, peress li, meta tiġi applikata t-teknika tal-isturdament reversibbli, il-preċetti reliġjużi li jimponu li l-annimal ikun għadu ħaj meta sseħħ il-qatla u li dan jiġi żvinat kompletament huma osservati.

28 L-emenda leġiżlattiva li seħħet ma tistax, madankollu, tiġi interpretata bħala li tobbliga lill-komunitajiet reliġjużi kollha jaċċettaw it-teknika tal-isturdament reversibbli. Iktar minn hekk, u hekk kif jirriżulta mix-xogħlijiet preparatorji tad-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan bl-ebda mod ma jaffettwa l-possibbiltà li l-membri ta' dawn il-komunitajiet jiksbu laħam li ġej minn annimali maqtula mingħajr sturdament minn qabel, sa fejn ma hemm ebda dispożizzjoni li tipprojbixxi l-importazzjoni ta' tali laħam fir-Reġjun ta' Vlaanderen. F'kull każ, tali projbizzjoni ta' importazzjoni tmur kontra l-Artikolu 26(4) tar-Regolament Nru 1099/2009.

29 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali madankollu jsostnu li iktar u iktar Stati Membri, l-istess bħar-Reġjun ta' Vlaanderen, qegħdin jipprojbixxu l-qatla ta' annimali mingħajr sturdament jew, minn tal-inqas, l-esportazzjoni ta' laħam li ġej minn annimali maqtula konformement ma preċetti reliġjużi, u dan jikkomprometti l-provvista ta' laħam ta' dan it-tip fir-Reġjun ta' Vlaanderen. Iktar minn hekk, iċ-ċertifikazzjoni tal-laħam importat ma tippermettix li jkun magħruf b'ċertezza jekk il-laħam ikunx effettivament ġej minn annimali maqtula konformement mal-preċetti reliġjużi.

30 Il-Gvern ta' Vlaanderen u dak tal-Wallonie jargumentaw li ċertu numru ta' Stati Membri ma imponewx tali projbizzjoni ġenerali tal-qtil mingħajr sturdament minn qabel u li l-kummerċ tal-laħam ma jiqafx mal-fruntieri tal-Unjoni.

31 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fl-aħħar nett jallegaw li, għalkemm il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri jadottaw miżuri bħal dawk previsti fid-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan jikser il-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' diversità reliġjuża, iggarantiti rispettivament fl-Artikoli 20, 21 u 22 tal-Karta. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali josservaw li l-imsemmi digriet, adottat b'applikazzjoni ta' dan ir-regolament, jittratta b'mod differenti, mingħajr ebda ġustifikazzjoni raġonevoli, minn naħa, lill-persuni li joqtlu l-annimali billi jipprattikaw il-kaċċa u s-sajd jew fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-organiżmi li jagħmlu ħsara u, min-naħa l-oħra, lill-persuni li joqtlu l-annimali konformement ma metodi partikolari ta' qatla imposti minn rit ta' kult.

32 Huwa f'dan il-kuntest li l-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament [Nru 1099/2009] għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri, b'deroga mid-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 4(4) ta' dan ir-regolament u bil-għan tal-promozzjoni tal-benessri tal-annimali, li jadottaw regoli bħal dawk li jinsabu fid-digriet [inkwistjoni fil-kawża prinċipali], liema regoli jipprevedu, minn naħa, projbizzjoni tat-tbiċċir [tal-qatla] ta' annimali mingħajr sturdament applikabbli wkoll waqt it-tbiċċir imwettaq fil-kuntest ta' rit reliġjuż u, min-naħa l-oħra, proċess ta' sturdament alternattiv għat-tbiċċir imwettaq fil-kuntest ta' rit reliġjuż, ibbażat fuq l-isturdament reversibbli u fuq il-premessa li tgħid li l-isturdament ma jistax iwassal għall-qtil tal-annimal?

2) Jekk l-ewwel domanda preliminari tingħata risposta fil-pożittiv, il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tal-imsemmi regolament jikser, fl-interpretazzjoni esposta fl-ewwel domanda, l-Artikolu 10(1) tal-[Karta]?

3) Jekk l-ewwel domanda preliminari tingħata risposta fil-pożittiv, il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) moqri flimkien mal-Artikolu 4(4) [tar-Regolament Nru 1099/2009] jikser, fl-interpretazzjoni esposta fl-ewwel domanda, l-Artikoli 20, 21 u 22 tal-[Karta], sa fejn dan jipprevedi biss, għat-tbiċċir tal-annimali konformement ma' metodi partikolari stabbiliti minn riti reliġjużi, eċċezzjoni suġġetta għall-kundizzjoni tal-obbligu ta' sturdament tal-annimal (Artikolu 4(4) flimkien mal-Artikolu 26(2) [ta' dan ir-regolament]), filwaqt li għall-qtil ta' annimali fil-kuntest tal-kaċċa, tas-sajd u ta' manifestazzjonijiet kulturali u sportivi, għar-raġunijiet esposti fil-premessi tar-regolament, huma previsti dispożizzjonijiet li jgħidu li dawn l-attivitajiet ma jidħlux

fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-regolament jew ma humiex suġġetti għall-obbligu ta’ sturdament tal-annimal waqt il-qtil tiegħu (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1), u l-Artikolu 1(3) [tal-imsemmi regolament])?”

**Fuq it-talba għal ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali**

33 Permezz ta’ att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta’ Ottubru 2020, iċ-CICB *et* u l-Kosher Poultry *et* talbu sabiex jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, b’applikazzjoni tal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

34 Insostenn tat-talba tagħhom, iċ-CICB *et* u l-Kosher Poultry *et* isostnu, essenzjalment, li s-Sejm (il-Kamra ta’ Isfel tal-Parlament, il-Polonja) adotta, fit-18 ta’ Settembru 2020, abbozz ta’ liġi li jipprojbixxi l-esportazzjoni tal-laħam li ġej minn annimali maqtula fil-kuntest ta’ qatla għal raġunijiet reliġjużi. Issa, sa fejn dan l-Istat Membru jirrappreżenta, għall-komunità Lhudija fil-Belġju, l-ikbar fornitur tal-laħam kosher u sa fejn ma teżisti l-ebda soluzzjoni konkreta ta’ sostituzzjoni, l-adozzjoni ta’ tali abbozz ta’ liġi tistabbilixxi b’iktar qawwa n-natura sproporzjonata tad-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali u, konsegwentement, tikkostitwixxi fatt ġdid li jista’ jkollu influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

35 Abbażi tal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista’, f’kull ħin, wara li jinstema’ l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b’mod partikolari meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta’ din il-fażi, fatt ġdid ta’ natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta’ argument li ma kienx diskuss bejn il-partijiet ikkonċernati.

36 Dan ma huwiex il-każ f’din il-kawża.

37 Fil-fatt, matul is-seduta, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkunsidrat, permezz ta’ mistoqsija magħmula lir-Reġjun ta’ Vlaanderen u li għaliha setgħu jirreaġixxu l-parteċipanti kollha, is-sitwazzjoni, li tmur lil hinn minn dik invokata miċ-CICB *et* u mill-Kosher Poultry *et* fit-talba tagħhom għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, fejn l-Istati Membri kollha jadottaw miżura li tipprojbixxi, l-istess bħad-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qtil ta’ annimali mingħajr sturdament minn qabel fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi.

38 Fid-dawl ta’ dak li ġie espost iktar ’il fuq, sa fejn l-abbozz ta’ liġi msemmi fil-punt 34 ta’ din is-sentenza la jista’ jikkostitwixxi fatt ġdid ta’ natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas fatt relatat ma’ argument li ma kienx ġie diskuss bejn il-partijiet ikkonċernati, fis-sens tal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali.

**Fuq id-domandi preliminari**

***Fuq l-ewwel u t-tieni domanda***

39 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009, moqri fid-dawl tal-Artikolu 13 TFUE u tal-Artikolu 10(1) tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li timponi, fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, proċedura ta’ sturdament reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt tal-annimal.

40 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li r-Regolament Nru 1099/2009, li għandu bħala bażi ġuridika l-Artikolu 37 KE (li sar l-Artikolu 43 TFUE) u jifforma parti minn kuntest ta' pjan ta' azzjoni Komunitarju għall-protezzjoni u għall-benesseri tal-annimali matul il-perijodu 2006-2010 (COM (2006) 13 final tat-23 ta' Jannar 2006), huwa intiż li jiddefinixxi regoli komuni għall-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali fil-mument tal-qatla tagħhom jew tal-qtil tagħhom fl-Unjoni, u huwa bbażat, hekk kif huwa stipulat fil-premessa 4 tiegħu, fuq l-idea li l-protezzjoni tal-annimali fil-mument tal-qatla tagħhom hija kwistjoni ta' interess ġenerali.

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabel kollox, li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1099/2009, moqri flimkien mal-premessa 20 ta' dan ir-regolament, jipprevedi l-prinċipju tal-isturdament tal-annimal qabel il-qtil tiegħu u saħansitra jippromwovih bħala obbligu meta studji xjentifiċi jistabbilixxu li l-isturdament jikkostitwixxi t-teknika li l-inqas tikkawża preġudizzju għall-benesseri tal-annimali fil-mument tal-qatla (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs, C-497/17, EU:C:2019:137, punt 47). Hekk kif jirriżulta mill-premessa 4 tal-imsemmi regolament, il-prinċipju tal-isturdament minn qabel previst f'din id-dispożizzjoni jirrifletti dan il-valur tal-Unjoni li huwa l-benesseri tal-annimali, kif sanċit issa fl-Artikolu 13 TFUE, li abbażi tiegħu l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu b'mod sħiħ inkunsiderazzjoni l-eżiġenzi tal-benesseri tal-annimali meta huma jifformulaw u jimplimentaw il-politika tagħhom.

42 Dan il-prinċipju jissodisfa l-għan prinċipali ta' protezzjoni tal-benesseri tal-annimali mfittex mir-Regolament Nru 1099/2009, li jirriżulta mit-titolu nnifsu ta' dan ir-regolament u mill-premessa 2 tiegħu, u dan, konformement mal-imsemmi Artikolu 13 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et*, C-426/16, EU:C:2018:335, punti 63 u 64).

43 Wara dan, l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 1099/2009, jipprovdi li l-prinċipju tal-isturdament minn qabel ma huwiex applikabbli fir-rigward tal-annimali li huma s-suġġett ta' metodi partikolari ta' qatla meħtieġa minn riti reliġjużi u sakemm il-qatla sseħħ f'biċċerija. Għalkemm id-dispożizzjoni msemmija l-aħħar, moqrija fid-dawl tal-premessa 18 ta' dan ir-regolament, tippermetti l-prattika tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, li fil-kuntest tagħha l-annimal jista' jinqatel mingħajr sturdament minn qabel, madankollu, din il-forma ta' qatla hija awtorizzata biss bħala deroga fl-Unjoni u unikament sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-libertà tar-reliġjon, peress li din ma hijiex ta' natura li tnaqqas kull uġigħ, stress jew sofferenza tal-annimali b'mod daqstant effikaċi daqs qatla bi sturdament minn qabel, li, konformement mal-Artikolu 2(f) tal-imsemmi regolament, huwa neċessarju sabiex jikkawża fl-annimal stat ta' telf mis-sensi u telf ta' sensittività li jistgħu jnaqqsu b'mod kunsiderevoli s-sofferenzi tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs, C-497/17, EU:C:2019:137, punt 48).

44 Din id-deroga hija bbażata, hekk kif jirriżulta mill-premessa 15 tar-Regolament Nru 1099/2009, fuq in-neċessità li jiġu osservati kemm id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi kif ukoll id-drawwiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-riti reliġjużi, it-tradizzjonijiet kulturali u l-wirt reġjonali, fil-formulazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni relatata, fost l-oħrajn, mal-agrikultura u mas-suq intern. Din għalhekk tikkonkretizza, konformement mal-Artikolu 10(1) tal-Karta, l-impenn pożittiv tal-leġiżlatur tal-Unjoni li tiġi żgurata l-osservanza effettiva tal-libertà tar-reliġjon u tad-dritt li persuna turi r-reliġjon jew it-twemmin tagħha permezz tal-prattiki u tat-twettiq ta' riti, b'mod partikolari favur il-Musulmani u l-Lhud prattikanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et*, C-426/16, EU:C:2018:335, punti 56 u 57).

45 Barra minn hekk, mill-premessa 18 tal-imsemmi regolament jirriżulta li, fid-dawl tal-fatt li "d-dispożizzjonijiet [tal-Unjoni] applikabbli għall-qatla għal raġunijiet reliġjużi[, riżultanti mid-Direttiva 93/199,] ġew trasposti b'mod differenti skont il-kuntesti nazzjonali, u meta wieħed jikkunsidra li r-regoli nazzjonali jieħdu kont tad-dimensjonijiet li jmorru lil hinn mill-għan ta' dan

ir-Regolament”, il-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda “li tinżamm id-deroga mill-isturdament tal-annimali qabel il-qatla, waqt li madankollu jibqa’ ċertu livell ta’ sussidjarjetà għal kull Stat Membru”. Għal dan il-għan, l-Artikolu 26(1) tar-Regolament Nru 1099/2009 jawtorizza lill-Istati Membri jżommu kull regola nazzjonali, applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-regolament, intiża sabiex tiġi żgurata protezzjoni ikbar tal-annimali waqt il-qatla, filwaqt li l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tal-imsemmi regolament jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali intiżi sabiex, waqt il-qatla, jiġi żgurat li l-annimali jkollhom protezzjoni ikbar minn dik prevista mill-imsemmi regolament fil-qasam, b’mod partikolari, tal-“qatla u l-operazzjonijiet relatati ta’ annimali konformement mal-Artikolu 4(2)[(4)]”, filwaqt li huwa speċifikat li, konformement mal-Artikolu 2(b) ta’ dan l-istess regolament, l-operazzjonijiet relatati hekk previsti jinkludu l-isturdament.

46 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 26(4) tar-Regolament Nru 1099/2009 jispeċifika li Stat Membru ma jistax jipprojbixxi jew jostakola t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta’ prodotti li ġejjin minn annimali li nqatlu fi Stat Membru ieħor minħabba li l-annimali kkonċernati ma nqatlux b’mod konformi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu li hija intiża li tiżgura l-ikbar protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla.

47 Għalhekk, il-kuntest imfassal mir-Regolament Nru 1099/2009 jirrifletti dak li huwa previst fl-Artikolu 13 TFUE, li jgħid li “l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jgħatu konsiderazzjoni sħiħa tal-ħtiġijiet tal-benessri ta’ l-annimali bħala esseri sensibbli, waqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet leġislattivi jew amministrattivi u d-drawwiet ta’ l-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu partikolarment mar-riti reliġjużi, tradizzjonijiet kulturali u l-wirt reġjonali”. Dan il-kuntest juri li dan ir-regolament ma jwettaqx huwa nnifsu r-rikonċiljazzjoni neċessarja bejn il-benesseri tal-annimali u l-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu, iżda jillimita ruħu li jirregola r-rikonċiljazzjoni li l-Istati Membri għandhom iwettqu bejn dawn iż-żewġ valuri.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 44 sa 47 ta’ din is-sentenza jirriżulta li, minn naħa, il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009 ma jiksirx il-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu, kif iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta, u, min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-possibbiltà mogħtija lilhom, abbażi ta’ din id-dispożizzjoni, li jadottaw regoli addizzjonali intiżi sabiex lill-annimali tiġi żgurata protezzjoni ikbar minn dik prevista minn dan ir-regolament, l-Istati Membri jistgħu, b’mod partikolari, jimponu obbligu ta’ sturdament minn qabel il-qtil tal-annimali li japplika wkoll fil-kuntest ta’ qatla meħtieġa minn riti reliġjużi, bla ħsara, madankollu, għar-rispett tad-drittijiet fundamentali sanċiti fil-Karta.

49 Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 51(1) tal-Karta, l-Istati Membri huma obbligati li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali sanċiti minnha meta huma jimplimentaw din il-possibbiltà.

50 F’dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà ta’ miżuri nazzjonali adottati abbażi tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009 mal-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 10(1) tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, u jispeċifika li dan id-dritt jimplika l-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, kif ukoll il-libertà li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, waħdu jew ma’ oħrajn, fil-pubbliku jew fil-privat, fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza tar-riti.

51 F’dan ir-rigward, leġiżlazzjoni nazzjonali adottata abbażi tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) ta’ dan ir-regolament u li timponi, fil-kuntest ta’ qatla għal raġunijiet reliġjużi, sturdament reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt tal-annimal taqa’ taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu, iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta.

52 Fil-fatt, il-Karta tagħti sens wiesa' tal-kunċett ta' "reliġjon" previst f'din id-dispożizzjoni, li jista' jkopri kemm il-*forum internum*, jiġifieri l-fatt li wieħed ikollu twemmin, kif ukoll il-*forum externum*, jiġifieri t-turija fil-pubbliku tal-fidi reliġjuża, u l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-qatla għal raġunijiet reliġjużi taqa' taħt il-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu, iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta (sentenza tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et*, C-426/16, EU:C:2018:335, punti 44 u 49).

53 Hekk kif isostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, billi jimponi l-obbligu ta' sturdament minn qabel tal-annimal matul il-qatla għal raġunijiet reliġjużi, filwaqt li jipprevedi li dan l-isturdament ikun reversibbli u li ma jipprovokax il-mewt tal-annimal, id-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, adottat abbażi tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009, jidher li huwa inkompatibbli ma ċerti preċetti reliġjużi Lhud u Musulmani.

54 F'dan ir-rigward, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-qatla għal raġunijiet reliġjużi tissodisfa preċetti reliġjużi speċifiċi li jeżiġu, essenzjalment, li l-fidili jikkunsmaw biss laħam ta' annimali maqtula mingħajr sturdament minn qabel, sabiex jiġi żgurat li huma ma jkunu suġġetti għal ebda proċedura ta' natura li twassal għall-mewt qabel il-qatla u li dawn jiġu żvinati.

55 Għaldaqstant, dan id-digriet jinvolvi limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-fidili Lhud u Musulmani li juru r-reliġjon tagħhom, kif iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta.

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa intiż li jiżgura l-koerenza neċessarja bejn id-drittijiet previsti f'din tal-aħħar u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-KEDB, mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Id-drittijiet korrispondenti tal-KEDB għandhom għalhekk jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni tal-Karta, inkwantu livell ta' protezzjoni minima (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Usufrutti fuq artijiet agrikoli), C-235/17, EU:C:2019:432, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et*, C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 124). Sa fejn mill-ispjegazzjonijiet dwar l-Artikolu 10 tal-Karta jirriżulta li l-libertà ggarantita fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għal-libertà ggarantita fl-Artikolu 9 tal-KEDB, hemm lok li din il-libertà tittieħed inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 10(1) tal-Karta.

57 Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon protetta mill-Artikolu 9 tal-KEDB tirrappreżenta wieħed mis-sisien tas-"soċjetà demokratika" fis-sens ta' din il-konvenzjoni, sa fejn il-pluraliżmu, li huwa ukoll sostanzjali għal tali soċjetà, jiddependi fuq din il-libertà (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 18 ta' Frar 1999, Buscarini *et* vs San Marino, CE:ECHR:1999:0218JUD002464594, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-17 ta' Frar 2011, Wasmuth vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2011:0217JUD001288403, punt 50). Għalhekk, l-Artikolu 9(2) tal-KEDB, jipprovdi li "l-libertà li wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu tkun suġġetta biss għal dawk il-limitazzjonijiet li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà pubblika, għall-protezzjoni tal-ordni pubblika, tas-saħħa jew tal-morali pubblika, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor".

58 Fl-istess sens, konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza tal-imsemmija drittijiet u libertajiet. F'din it-tieni sentenza, din id-dispożizzjoni tistipula li fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dawn id-drittijiet u dawn l-obbligi jistgħu jiġu limitati biss f'dawk il-każijiet fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

59 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprevedi obbligu ta' sturdament minn qabel tal-annimal matul il-qatla għal raġunijiet reliġjużi filwaqt li timponi li dan l-isturdament ikun reversibbli u li ma jwassalx għall-mewt ta' dan l-annimal, tissodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 52(1) u (3) tal-Karta, moqrija flimkien mal-Artikolu 13 TFUE.

60 Fl-ewwel lok, sa fejn din tirriżulta mid-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu identifikata fil-punt 55 ta' din is-sentenza hija prevista mil-liġi, fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

61 Fit-tieni lok, leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi l-obbligu ta' sturdament minn qabel tal-annimal matul il-qatla għal raġunijiet reliġjużi filwaqt li timponi li dan l-isturdament ikun reversibbli u li ma jipprovokax il-mewt tal-annimal tirrispetta l-kontenut essenzjali tal-Artikolu 10 tal-Karta meta, skont l-indikazzjonijiet li jinstabu fil-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, esposti fil-punt 54 ta' din is-sentenza, l-indħil li jirriżulta minn tali leġiżlazzjoni jkun limitat għal aspett tal-att ritwali speċifiku li tikkostitwixxi l-imsemmija qatla, sa fejn din tal-aħħar ma hijiex, bħala tali, pprojbita.

62 Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk il-limitazzjoni tad-dritt iggarantit fl-Artikolu 10 tal-Karta li tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfax għan ta' interess ġenerali, mill-indikazzjonijiet li jinstabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-leġiżlatur ta' Vlaanderen kellu l-intenzjoni li jippromwovi l-benesseri tal-annimali. Għalhekk, fix-xogħlijiet preparatorji tad-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa indikat li "l-Vlaanderen jagħti importanza kbira lill-benesseri tal-annimali", li "[l]-għan huwa għalhekk li tiġi pprojbita, fi Vlaanderen, kull sofferenza tal-annimali li tista' tiġi evitata", li "l-qatla mingħajr sturdament tal-annimali ma hijiex kompatibbli ma dan il-prinċipju", u li "[g]ħalkemm miżuri oħra inqas drastiċi mill-qatla mingħajr sturdament minn qabel, jistgħu jillimitaw xi ftit l-effett negattiv ta' dan il-metodu ta' qatla fuq il-benesseri tal-annimali, tali miżuri ma jistgħux jipprekludu li jkompli jkun hemm preġudizzju serju ħafna għal dan il-benesseri".

63 Issa, kemm mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2008, Viamex Agrar Handel u ZVK, C-37/06 u C-58/06, EU:C:2008:18, punt 22; tad-19 ta' Ġunju 2008, Nationale Raad van Dierenkwekers en Liefhebbers u Andibel, C-219/07, EU:C:2008:353, punt 27; tal-10 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-100/08, mhux ippubblikata, EU:C:2009:537, punt 91; kif ukoll tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export, C-424/13, EU:C:2015:259, punt 35), kif ukoll mill-Artikolu 13 TFUE, jirriżulta li l-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali tikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni.

64 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dan jeżiġi li l-limitazzjonijiet ikkawżati mid-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali għal-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija minn din il-leġiżlazzjoni, fejn huwa sottontiż li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tingħażel dik l-inqas vinkolanti u li l-inkonvenjenti kkawżati minnha ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' sajd tal-pixxispad tal-Mediterran), C-611/17, EU:C:2019:332, punt 55).

65 Meta inkwistjoni jkun hemm diversi drittijiet fundamentali u prinċipji sanċiti mit-Trattati, bħal, f'dan il-każ, id-dritt iggarantit fl-Artikolu 10 tal-Karta u l-benesseri tal-annimali sanċit fl-Artikolu 13 TFUE, l-evalwazzjoni tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità għandha titwettaq fl-osservanza tar-rikonċiljazzjoni neċessarja tar-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tad-diversi drittijiet u prinċipji inkwistjoni u ta' bilanċ xieraq bejniethom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe, C-752/18, EU:C:2019:1114, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi l-obbligu ta' sturdament minn qabel tal-annimal matul il-qatla għal raġunijiet reliġjużi, filwaqt li timponi li dan l-isturdament ikun reversibbli u li ma jipprovokax il-mewt tal-annimal, hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan tal-promozzjoni tal-benesseri tal-annimali msemmi fil-punt 62 ta' din is-sentenza.

67 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li, meta inkwistjoni jkun hemm kwistjonijiet ta' politika ġenerali, bħalma hija d-determinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istat u r-reliġjonijiet, li fir-rigward tagħhom jistgħu raġonevolment jeżistu diverġenzi kbar fi Stat demokratiku, hemm lok li tingħata importanza partikolari għar-rwol tal-korp nazzjonali li jiddeċiedi. Barra minn hekk, bħala prinċipju, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-KEDB, lill-Istat għandu wkoll jiġi rrikonoxxut marġni wiesa' ta' diskrezzjoni sabiex jiddeċiedi jekk u sa fejn restrizzjoni għad-dritt li wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu hija "neċessarja". Il-marġni ta' diskrezzjoni hekk magħruf lill-Istati Membri fl-assenza ta' konsensus fuq livell tal-Unjoni, għandu madankollu jimxi id f'id mal-kontroll Ewropew li jikkonsisti b'mod partikolari f'li jitfittex jekk il-prinċipji li fuqhom huma msejsa l-miżuri adottati fuq livell nazzjonali humiex iġġustifikati u jekk dawn humiex proporzjonali (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, l-1 ta' Lulju 2014, S.A.S. vs Franza, CE:ECHR:2014:0701JUD004383511, punti 129 u 131, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

68 Issa, hekk kif jirriżulta mill-premessi 18 u 57 tar-Regolament Nru 1099/2009, hija preċiżament l-assenza ta' konsensus bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-mod kif jittrattaw il-qatla għal raġunijiet reliġjużi li ispirat l-adozzjoni tal-Artikoli 4 u 26 ta' dan ir-regolament.

69 Fil-fatt, il-premessa 18 tar-Regolament Nru 1099/2009 tipprovdi, hekk kif ġie mfakkar fil-punt 45 ta' din is-sentenza, li d-deroga għar-rekwiżit ta' sturdament tal-annimali qabel il-qatla għandha tinżamm, filwaqt li jitħalla, madankollu, livell ta' sussidjarjetà għal kull Stat Membru.

70 Min-naħa tagħha, il-premessa 57 ta' dan ir-regolament, wara li ssemmi l-fatt li ċ-ċittadini Ewropej jistennew li waqt il-qatla jiġi osservat minimu ta' regoli fil-qasam tal-benesseri tal-annimali, tenfasizza li, f'ċerti oqsma, l-attitudnijiet fil-konfront tal-annimali huma ddettati wkoll mill-perċezzjonijiet nazzjonali u li, f'ċerti Stati Membri, huwa rikjest li jinżammu jew li jiġu adottati regoli fil-qasam tal-benesseri li jkunu iktar stretti minn dawk adottati fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, dejjem skont l-imsemmija premessa, fl-interess tal-annimali u sakemm ma jiġix affettwat il-funzjonament tas-suq intern, għandha tiġi permessa ċerta flessibbiltà lill-Istati Membri sabiex huma jżommu jew, f'ċerti oqsma speċifiċi, jadottaw regoli nazzjonali iktar stretti.

71 Għalhekk, billi jagħmel riferiment għall-eżistenza ta' "perċezzjonijiet nazzjonali" differenti fil-konfront tal-annimali kif ukoll għan-neċessità li titħalla "ċerta flessibbiltà" jew saħansitra "livell ta' sussidjarjetà" lill-Istati Membri, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jippreżerva l-kuntest soċjali rispettiv ta' kull Stat Membru f'dan ir-rigward u jirrikonoxxi lil kull wieħed minnhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fil-kuntest tar-rikonċiljazzjoni li għandu jkun hemm bejn l-Artikolu 13 TFUE u l-Artikolu 10 tal-Karta, sabiex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn, minn naħa, il-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali meta dawn jinqatlu u, min-naħa l-oħra, ir-rispett tal-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu.

72 F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari, in-natura neċessarja tal-indħil fil-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu li jirriżulta mid-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi osservat li mill-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) iċċitati fil-premessa 6 tar-Regolament Nru 1099/2009, jirriżulta li ntlaħaq konsensus xjentifiku dwar il-fatt li l-isturdament minn qabel jikkostitwixxi l-aħjar mezz sabiex titnaqqas is-sofferenza tal-annimal fil-mument tal-qtil tiegħu.

73 Huwa billi aċċetta din il-perspettiva li l-leġiżlatur ta' Vlaanderen indika, fix-xogħlijiet preparatorji tad-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li "l-marġni bejn l-eliminazzjoni tas-sofferenza tal-annimali, minn naħa, u l-qatla mingħajr sturdament minn qabel, min-naħa l-oħra, dejjem ser jibqa' kbir, anki jekk jiġu adottati miżuri inqas radikali sabiex il-preġudizzju għall-benesseri tal-annimali jiġi limitat kemm jista' jkun".

74 Minn dan isegwi li l-leġiżlatur ta' Vlaanderen seta', mingħajr ma jmur lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni msemmi fil-punt 67 ta' din is-sentenza, iqis li l-limitazzjonijiet li d-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jimponi fuq il-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu, billi jimponi sturdament minn qabel reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt tal-annimal, tissodisfa l-kundizzjoni tan-neċessità.

75 F'dak li jirrigwarda, fl-aħħar nett, in-natura proporzjonali tal-indħil fil-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu li jirriżulta mid-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-ewwel nett, hekk kif jirriżulta mix-xogħlijiet preparatorji għal dan id-digriet, kif iċċitati fil-punt 13 ta' din is-sentenza, il-leġiżlatur ta' Vlaanderen ibbaża ruħu fuq riċerki xjentifiċi li wrew li l-biża li l-isturdament jinfluwenza negattivament l-iżvinament, ma hijiex fondata. Barra minn hekk, minn dawn l-istess xogħlijiet jirriżulta li l-elektronarkożi hija metodu ta' sturdament mhux letali u reversibbli, b'tali mod li, jekk għonq l-annimal jitħanxar immedjatament wara li jiġi stordut, mewtu tkun purament dovuta għall-emoraġija.

76 Barra minn hekk, meta impona, fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, sturdament minn qabel reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt tal-annimal, il-leġiżlatur ta' Vlaanderen ried ukoll jispira ruħu mill-premessa 2 tar-Regolament Nru 1099/2009, li fid-dawl tagħha għandu jinqara l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, ikkunsidrat globalment, u li tipprovdi, essenzjalment, li, sabiex l-annimali jiġu skansati minn uġigħ, minn stress jew minn sofferenza evitabbli matul il-qtil, għandu jiġi pprivileġġat l-iktar qtil awtorizzat modern, meta żviluppi xjentifiċi sinjifikattivi jippermettu li s-sofferenza tagħhom titnaqqas meta jiġu maqtula.

77 It-tieni nett, l-istess bħall-KEDB, il-Karta hija strument ħaj li għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-kundizzjonijiet tal-ħajja attwali u tal-kunċetti prevalenti attwali fl-Istati demokratiċi (ara, b'analoġija, il-Qorti EDB, 7 ta' Lulju 2011, Bayatyan vs L-Armenja [GC], CE:ECHR:2011:0707JUD002345903, punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata), b'tali mod li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-iżvilupp tal-valuri u tal-kunċetti, kemm fuq il-livell tas-soċjetà kif ukoll fuq dak leġiżlattiv, fl-Istati Membri. Issa, il-benesseri tal-annimali, inkwantu valur li sa minn ċertu numru ta' snin ingħata, mis-soċjetajiet demokratiċi kontemporanji, importanza ikbar, jista', fid-dawl tal-iżvilupp tas-soċjetà, jittieħed iktar inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi u għalhekk jikkontribwixxi sabiex jiġġustifika n-natura proporzjonali ta' leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

78 It-tielet nett, konformement mar-regola prevista fl-Artikolu 26(4) tar-Regolament Nru 1099/2009, l-imsemmi digriet la jipprojbixxi u lanqas ma jostakola t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni, fit-territorju li fih huwa applikabbli, ta' prodotti li ġejjin minn annimali li nqatlu għal raġunijiet reliġjużi u mingħajr sturdament minn qabel fi Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni barra minn hekk enfasizzat, f'dan ir-rigward, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-maġġoranza tal-Istati Membri jawtorizzaw, abbażi tal-Artikolu 4(4) ta' dan ir-regolament, il-qatla mingħajr sturdament minn qabel. Iktar minn hekk, hekk kif essenzjalment sostna l-Gvern ta' Vlaanderen u dak tal-Wallonie, leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma huwa d-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali la tipprojbixxi u lanqas ma tostakola t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' prodotti li ġejjin minn annimali li nqatlu għal raġunijiet reliġjużi meta dawn il-prodotti jkunu ġejjin minn Stati Terzi.

79 Għalhekk, f'kuntest li dejjem jiżviluppa kemm fuq il-livell tas-soċjetà kif ukoll fuq dak leġiżlattiv, li huwa kkaratterizzat, hekk kif ġie enfasizzat fil-punt 77 ta' din is-sentenza, minn sensibilizzazzjoni dejjem tikber għall-kwistjoni tal-benesseri tal-annimali, il-leġiżlatur ta' Vlaanderen seta' jadotta, wara diskussjoni wiesgħa fil-livell tar-Reġjun ta' Vlaanderen, id-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali,

mingħajr ma jmur lil hinn mill-margni ta' diskrezzjoni mogħti mid-dritt tal-Unjoni lill-Istati Membri fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni li għandu jkun hemm bejn l-Artikolu 10(1) tal-Karta u l-Artikolu 13 TFUE.

80 Għalhekk hemm lok li jitqies li l-miżuri inklużi fid-digriet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jippermettu li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn l-importanza mogħtija lill-benesseri tal-annimali u l-libertà li l-fidili Lhud u Musulmani juru r-reliġjon tagħhom u, konsegwentement, li dawn huma proporzjonali.

81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009, moqri fid-dawl tal-Artikolu 13 TFUE u tal-Artikolu 10(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi, fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, proċedura ta' sturdament reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt tal-annimal.

### *Fuq it-tielet domanda*

82 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment dwar il-validità tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009 fid-dawl tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika, kif iggarantiti, rispettivament, fl-Artikoli 20, 21 u 22 tal-Karta. Fil-fatt, fil-każ fejn din id-dispożizzjoni tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw miżuri bħall-isturdament obbligatorju għall-qtil tal-annimali fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, l-imsemmi regolament ma jinkludi ebda dispożizzjoni paragunabbli għall-qtil tal-annimali fil-kuntest tal-attivitajiet ta' kaċċa u ta' sajd jew matul avvenimenti kulturali jew sportivi.

83 Mill-formulazzjoni ta' din id-domanda jirriżulta li l-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-konformità ta' din id-dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1099/2009 mal-Artikoli 20, 21 u 22 tal-Karta, sa fejn, filwaqt li jipprovdi biss eċċezzjoni suġġetta għal kundizzjonijiet għall-isturdament minn qabel tal-annimal fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, dan ir-regolament jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jew jeżenta, il-qtil ta' annimali li jseħħ fil-kuntest tal-kaċċa, tas-sajd kif ukoll tal-avvenimenti kulturali u sportivi, mill-obbligu ta' sturdament minn qabel li huwa jipprevedi.

84 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi evalwat l-argument ibbażat fuq il-fatt li l-qatla għal raġunijiet reliġjużi hija s-suġġett ta' trattament diskriminatorju fir-Regolament Nru 1099/2009, meta mqabbla mal-qtil ta' annimali fil-kuntest ta' avvenimenti kulturali u sportivi.

85 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni hija sempliċement l-espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza li jifforma parti mill-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, u li dan il-prinċipju jimponi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1977, Ruckdeschel *et*, 117/76 u 16/77, EU:C:1977:160, punt 7, kif ukoll tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 23).

86 F'dan il-każ, ir-Regolament Nru 1099/2009 jistipula, fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1), li l-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi "regoli għall-qtil ta' annimali mrobbija jew miżmuma għall-produzzjoni tal-ikel, suf, ġilda, pil jew prodotti oħra kif ukoll għall-qtil ta' annimali għall-fini tad-depopolazzjoni u għal operazzjonijiet relatati", u jispeċifika, fl-Artikolu 1(3)(a)(iii), li huwa ma japplikax għal ċertu numru ta' attivitajiet, li fosthom hemm il-qtil ta' annimali waqt avvenimenti kulturali jew sportivi.

87 Issa, l-Artikolu 2(h) ta’ dan ir-regolament jiddefinixxi l-“avvenimenti kulturali jew sportivi” bħala “avvenimenti li huma essenzjalment u b’mod predominanti relatati ma’ tradizzjonijiet kulturali jew attivitajiet sportivi li ilhom stabbiliti, inkluż it-tlielaq jew forom oħra ta’ kompetizzjoni, fejn ma hemm l-ebda produzzjoni ta’ laħam jew prodotti ta’ annimali oħra jew fejn dik il-produzzjoni hija marġinali meta mqabbla mal-avveniment u mhijiex ekonomikament sinifikanti”.

88 Minn din id-definizzjoni jirriżulta li l-avvenimenti kulturali u sportivi, fis-sens tal-Artikolu 2(h) tal-imsemmi regolament, iwasslu, l-iktar l-iktar, għal produzzjoni marġinali ta’ laħam jew ta’ prodotti li ġejjin mill-annimali meta mqabbla mal-avveniment veru u proprju u li tali produzzjoni ma hijiex sinjifikattiva fuq livell ekonomiku.

89 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata fil-premessa 16 tar-Regolament Nru 1099/2009, li tgħid li l-fatt li dawn l-avvenimenti ma jaffettwawx is-suq tal-prodotti li ġejjin mill-annimali u ma humiex motivati minn għanijiet ta’ produzzjoni jiġġustifika l-esklużjoni tagħhom mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-regolament.

90 F’dawn iċ-ċirkustanzi, avveniment kulturali jew sportiv ma jistax raġonevolment jiġi kkonċepit bħala attività ta’ produzzjoni ta’ oġġetti tal-ikel, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1099/2009. Huwa għalhekk, fid-dawl ta’ din id-differenza, mingħajr ma kiser il-projbizzjoni ta’ diskriminazzjoni, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma assimilax l-avvenimenti kulturali jew sportivi għal operazzjoni ta’ qatla li għandha, bħala tali, tkun suġġetta għal sturdament u li, billi għamel dan, huwa ttratta dawn is-sitwazzjonijiet b’mod differenti.

91 Fit-tieni lok, huwa biss jekk l-essenza tal-kunċetti ta’ “kaċċa” u ta’ “sajd rekreattiv” tiġi mxejna li jkun jista’ jiġi sostnut li dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu pprattikati fuq annimali storduti minn qabel. Fil-fatt, hekk kif tistipula l-premessa 14 tar-Regolament Nru 1099/2009, l-imsemmija attivitajiet jiġu żvolti f’kuntest fejn il-kundizzjonijiet tal-qtil huma differenti ferm minn dawk li jgħaddu minnhom l-annimali tat-trobbija.

92 F’dawn iċ-ċirkustanzi, kien ukoll mingħajr ma kiser il-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni eskluda mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-regolament is-sitwazzjonijiet ta’ qtil mhux paragunabbli msemmija fil-punt preċedenti.

93 Fit-tielet lok, kemm jekk fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 1099/2009 jew inkella fil-premessi 6, 11 u 58 ta’ dan ir-regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni enfasizza b’mod abbundanti li l-opinjonijiet xjentifiċi dwar il-ħut tat-trobbija kienu insuffiċjenti u li kien hemm ukoll lok li jkun hemm evalwazzjoni ekonomika iktar fil-fond f’dan il-qasam, u dan kien jiġġustifika li t-trattament tal-ħut tat-trobbija ma jiġix inkluż.

94 Fir-raba’ lok, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 84 sa 93 ta’ din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li huwa mingħajr ma kiser id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika ggarantita fl-Artikolu 22 tal-Karta li r-Regolament Nru 1099/2009, filwaqt li jipprevedi biss eċċezzjoni, suġġetta għal kundizzjonijiet, għall-isturdament minn qabel tal-annimal fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, jeskludi mill-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu jew jeżenta mill-obbligu ta’ sturdament minn qabel li huwa jipprevedi, il-qtil ta’ annimali li jseħħ fil-kuntest tal-kaċċa, tas-sajd u tal-avvenimenti kulturali u sportivi.

95 Minn dan isegwi li mill-eżami tat-tielet domanda preliminari ma rriżulta l-ebda element li jista’ jaffettwa l-validità tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009.

**Fuq l-ispejjeż**

96 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din l-aħħar qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, apparti dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġu rrimborsati.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla, moqri fid-dawl tal-Artikolu 13 TFUE u tal-Artikolu 10(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi, fil-kuntest tal-qatla għal raġunijiet reliġjużi, proċedura ta' sturdament reversibbli u li ma jistax iwassal għall-mewt tal-annimal.**

2) **Mill-eżami tat-tielet domanda preliminari ma rriżulta l-ebda element li jista' jaffettwa l-validità tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1099/2009.**

Firem